MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 325/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Philomena Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-6 ta' Frar, 2004, fejn intalab l-ammont ta' tlett mija u tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm393.82) rapprezentanti l-hlasijiet effettwati mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-Att Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc surrogata**

**d-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Joseph Galea vs Philomena Attard (Avv. Nru. 858/03/JR –deciza 25 ta’ Gunju, 2003), li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta’ Novembru, 2002, gewwa Ta’ Xbiex bejn il-vettura misjuqa mill-konvenuta, bin-numru tar-registrazzjoni EAO-887 u l-vettura propjeta` ta’ Joseph Galea bin-numru tar-registrazzjoni THE-106, u dan wara illi l-konvenuta naqset milli thallas l-excess payment minnha dovut u wkoll naqset milli tinforma lis-socjeta’ attrici dwar l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma kienet obbligata illi taghmel ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni relattiva, liema nuqqas jintitola lis-socjeta’ attrici illi tirkupra l-ammonti kollha minnha mhallsa ai termini tal-istess polza.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Ottubru, 2003, u nteressi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta’ attrici fis-16 ta’ Marzu, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenuta.**
**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm393.82) bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Ottubru, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, nkluzi dawk dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Ottubru, 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------